MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Numru. 1370/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Angelo Cassar ta’ 41 sena, bin Anthony u Marianna nee` Camilleri, imwieled fit-30/5/19/68 u residenti Flat1, Block D, Bieb A, Triq Pietro Gagliardi, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita numru 263768(M).**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Angelo Cassar u cioe’ talli fit-18 ta’ Gunju, 2007, ghall habta ta’ 6.50 a.m., fil-Pjazza San Luqa, Pieta, saq vettura Nru. EAU-701 b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti u fil-professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fqu il-persuna ta’ Diane Chircop skond kif iccertifikat minn Dr. Charlene Fenech M.D. ta’ SLH.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-7 ta' April, 2009;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-provi prodotti u fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha illum mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta  tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha mill-imputat, ic-cirkostanzi li fihom sehh dan l-incident u l-fatt ili l-imputat iddispjacieh ghal dak li sehh. Jidher illi hawnhekk ma kienx il-kaz ta' xi sewqan perikoluz jew esagerat izda aljenazzjoni ta' mument zghir fejn minhabba f'dah sehh l-incident mertu ta' din il-kawza u ghalhekk il-Qorti ma tarax illi jirrikorru l-elementi sabiex ikun hemm sospensjoni tal-licenja tas-sewqan.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' xahar prigunerija izda fid-dawl tac-cirkostanzi hawn fuq indikati u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 dan il-prejodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommenti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------